TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 81/17/F

**Constantine Muscat**

**vs**

**Dickens**

Illum 14 ta' Novembru, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-9 ta' Mejju, 2017 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' ħames mitt ewro (€500), rappreżentanti prezz ta' mobile phone li kien inxtara għall-prezz ta' erba' mija u għoxrin ewro (€420).

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimta, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta illi huwa kien xtara mobile phone għall-prezz ta' erba' mija u għoxrin ewro (€420), u sussegwentement qed jallega li l-mobile phone li ngħatalu jidher li kellu xi problemi billi ma jaħdimx, għax skond hu dan il-mobile phone ma kienx għall-użu fl-Ewropa imma kien għall-użu fl-Asia, u għalhekk ma setax jaħdem.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi ma jeżistux mobile phones li jaħdmu f'ċerta pajjiżi jew jaħdem jew ma jaħdimx, u kull ma hu problemi ta' setting fejn tagħżel roaming manwali, u offrewlu li l-problema tiġi issortjata.

It-Tribunal, iħoss illi r-rikorrenti kien wisq mgħaġġel biex isolvi l-problema bit-Tribunal u ma ħalliex lill-intimat bizzejjed żmien sabiex jiprova isewwilu jew jirranġalu dan il-mobile phone.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888